E Spark 72 Ottubru 2014



Kull wieħed minnkom jeħtieġ isir profeta

E Spark hija newsletter elettronika maħruġa mic-Centru tal-Vokazzjonijiet tas-Seminarju

## *E Spark 72 Ottubru 2014*



Oscar Romero – L-Arċisqof maqtul li għadu jgħix! L-Arċisqof Oscar Romero twieled fi Ciudad Barrios, El Salvador, fl-1917. Ta’ 25 sena, fl-1942 ġie ordnat saċerdot u kkonsagrat Arċisqosf ta’ San Salvador fl-1977. Huwa ħabb lill-Knisja u lill-poplu afdat f’idejh u dan ġegħlu ma jkunx aċċettat bħala wieħed tal-qalba min-nies tal-poter.

*“Let us not forget: we are a pilgrim church, subject to misunderstanding, to persecution, but a church that walks serene, because it bears the force of love.”*
*Oscar A. Romero, The Violence of Love*

Aktar informazzjoni:
http://www.uscatholic.org/culture/social-justice/2009/02/oscar-romero-bishop-poor#sthash.jCaAo9CD.dpuf



SIGN UP FOR OUR WEEKLY NEWSLETTER | ENTER YOUR EMAIL ADDRESS | GO | SUBSCRIBE NOW FOR EXCLUSIVE CONENT

U.S.Catholic | CLICK HERE and donate to U.S. Catholic! | We celebrate the vibrancy and diversity of contemporary Catholicism. | We're hiring! CLICK HERE to learn more about the Publications Business Manager opening

TOPICS | BLOG | NEWS | REVIEWS | MULTIMEDIA | THE QUESTION | THE MAGAZINE | SEARCH

HOME / CULTURE / SOCIAL JUSTICE

### Oscar Romero: Bishop of the Poor

By Renny Golden | 6 Comments | Print | Email this page | Share

ARTICLE HISPANIC CATHOLICS WAR AND PEACE

In 1980, in the midst of a U.S. funded war the UN Truth Commission called genocidal, the soon-to-be-assassinated Archbishop Oscar Romero promised history that life, not death, would have the last word. "I do not believe in death without resurrection," he said. "If they kill me, I will be resurrected in the Salvadoran people."

On each anniversary of his death, the people will march through the streets carrying that promise printed on thousands of banners. Mothers will make *pupusas* (thick tortillas with beans) at 5 a.m., pack them, and prepare the children for a two-to-four hour ride or walk to the city to remember the gentle man they called *Monseñor*.

Oscar Romero gave his last homily on March 24. Moments before a sharpshooter felled him, reflecting on scripture, he said, "One must not love oneself so much, as to avoid getting involved in the risks of life that history demands of us, and those that fend off danger will lose their lives." The homily, however, that sealed his fate took place the day before when he took the terrifying step of publicly confronting the military.

**Oscar Romero on USCatholic.org**

Visit U.S. Catholic's special section on Archbishop Oscar Romero.

**'Called to repentence' materials for a Romero liturgy**

How do I use this material?
Reflection questions
Romero's wisdom: Prayers
The Romero Liturgy
Penitential Rite
Readings
Homily help

RELATED CONTENT
Archbishop Oscar Romero
goodwink | 3 Comments

100%




Ftit qabel ġie assassinat qatlulu lil sħabu. Kien f'dak il-mument li hu dar lejn Alla u qallu li hu ma jista jagħmel xejn aktar, jerħi ruħu f'idejH biex jurih it-triq. Ftit qabel ġie maqtul hu wiegħed li l-ħajja u mhux il-mewt ikollhom l-aħħar kelma. "Jien ma nemminx f'mewt mingħajr qawmien. Jekk joqtluni nqum mil-ġdid fil-poplu ta' El Salvador."

***Jekk joqtluni***
***nqum mil-ġdid fil-poplu***

Oscar Romero

Ta' kull sena fl-anniversarju tal-qtil tiegħu, mijiet ta' nies jimmarċjaw mat-toroq b'eluf ta' banners b'dan il-kliem biex ifakkru lir-ragħaj tagħhom li huma jgħajjtulu Monseñor. L-Arċisqof Romero għamel l-aħħar omelija fl-24 ta' Marzu ftit ħin qabel ġie assasinat. Hu qal li wieħed m'għandux iħobb lilu nnifsu żżejjed li jevita li jiġi nvolut fir-riskji tal-ħajja. Dawk li jibżgħu jitilfu ħajjithom






**Dawk li jibżgħu, jitilfu ħajjithom.**



L-Arċisqof Romero kien il-bniedem li kkonfronta lill-militar u kien man-naħa tal-poplu li kien qiegħed ibati. Talab l-intervent internazzjonali għall-poplu tiegħu li kien waħdu u li ta' kull xahar kienu qed jiġu maqtula madwar 3,000 persuna. Sab ruħu abbandunat anke minn ta' madwaru tant li kien hemm min irrapurtah li qed jagħmel dan kollu biex jikseb il-poplarita'. Huwa qatt ma attenda l-ebda attivita tal-gvern minħabba l-mod kif kien stmat il-poplu. Żamm ma dan il-prinċipju li ġibed lejh l-għadab tal-gvern u l-militar u l-imħabba tal-foqra. .

"There are many things that can only be seen through eyes that have cried"
— Oscar A. Romero

Romero kien sorpriża għal diversi. Il-foqra qatt ma stennewh ħa jkun magħhom u l-mexxejja elite tal-Knisja u tal-istat ħassewhom traduti. Fi ftit żmien qatlulu qassis ma' żewġ parruċċani għaliex ddefendew id-dritt ta' razzett għar-raħħaal. Dak il-lejl stess Romero mar Paisnal biex iżur il-ġisem mejjet tas-saċerdot u ż-żewġ parruċċani – raġel anzjan u tifel ta' 7 snin.



Lil Romero kiddu l-fatt li ma setax iwaqqaf il-vjolenza. F'dik is-sena nqatlu 200 ruħ oħra apparti eluf li ħarbu u oħrajn li spiċċaw bla dar. Romero żamm kuntatt mal-pajjiż kollu permezz ta' radju li waqqaf. Kien itenni li l-atroċitajiet mhux bilforsi jieqfu imma li l-Knisja tal-foqra tibqa ħajja. "Jekk xi darba jwaqqfulna r-radju, jekk ma jħallunix nitkellmu, jekk joqtlu l-qassisin kollha u l-Isqof ukoll u tibqgħu poplu bla qassi, kunu intom il-leħen ta' Alla. Kull wieħed minnkom jeħtieġ isir profeta," kien qal lill-poplu.









"PEACE is generosity.

It is right and it is duty."

Oscar A. Romero

Fl-1980 kiteb lill-President Amerikan biex ma jibqax jgħin lill-militar għax kienu qed jużaw l-għajnuna biex iweġġgħu lill-poplu. Fit-23 ta' Marzu 1980 temm omelija twila fuq ir-radju billi qal: "Ħuti, qed toqtlu lil ħutkom stess, intom mill-istess poplu. L-ebda suldat ma hu obbligat jobdi ordni li tmur kontra r-rieda ta' Alla." Imbikkem kompla, "f'isem Alla, f'isem dan il-poplu batut, nitlobkom, nordnalkom f'isem Alla, waqqfu din it-tbatija!" L-għada, l-Isqof Romero inqatel waqt quddiesa li hu kien qiegħed jiċċelebra fi sptar. Saħanistra waqt il-funeral tiegħu quddiem il-kattidral kien hemm xi qtil. Ftit qabel il-qtil tiegħu qal lil ġurnalist: "Għidilhom, jekk jirnexxilhom joqtluni naħfer lil min iwettaq dan l-għemil. Nittama li jinduna li qed jaħlu ħinhom għax isqof imut imma l-Knisja ta'Alla li hi l-poplu ma tgħib qatt."






"Let us not forget: we are a pilgrim church, subject to misunderstanding, to persecution, but a church that walks serene, because it bears the force of love."
Oscar A. Romero, *The Violence of Love*



"I don't want to be an anti, against anybody. I simply want to be the builder of a great affirmation: the affirmation of God,who loves us and who wants to save us."
Oscar A. Romero, The Violence of Love








Il-gwerra ċivili damet aktar minn 10 snin u nqatlu madwar 75, 000 ruħ. Il-Papa Franġisku qal li l-proċess tal-beatifikazzjoni tal-Isqof Romero m'għandu l-ebda impediment u kien wieqaf biss minħabba prudenza. Hu qal li hu konvint li l-Isqof Romero kien "bniedem ta' Alla"

Fr Anthony Fitzpatrick

# *LAQGĦAT U LIVE INS 2014*

**Ottubru**

**1. Form 2 Saturday 11th October 2014 (Am)**

**2. 6th Form Friday to Sunday 17-19thOctober 2014  Novembru**

**3. Form 2 Saturday 1st November (Am)**

**4. Form 5 Friday to Sunday 7-9thNovember**

**5. 6th Form Friday to Sunday 14-16thNovember**

**6. Form 3 Friday to Saturday 21-22ndNovember**

Jekk inti interessat li tigi nitolbok tibghatli sms jew tibghatli email gimgha qabel.



**Dun Charlon Muscat**
Is-Seminarju tal-Arċisqof
90, Triq tal-Virtù
Rabat RBT 2604
Tel: 21450354
Mob: 79964557
E-mail: vocationcentre@maltaseminary.org



## Kleofa Sway



Bħalissa, fuq facebook hemm profile li qed jagħmel ħafna ħbieb ġodda. Ismu huwa Kleofa Sway. Dan huwa meżż ġdid kif l-uffiċju tal-vokazzjonijiet jgħin lill-adolexxenti jiskopru x'hemm lest għalihom mingħand Alla. L-isem tal-profile huwa ispirat minn Luqa 24, fejn l-Evanġelista jirrakkonta l-mixja li żewġ dixxipli għamlu sakemm għarfu lil Ġesù b'mod ħaj. Wieħed minn dawn iż-żewġ dixxiplu kien jismu Kleofa; u nixtiequ li, permezz ta' din il-mixja, id-dixxiplu l-ieħor tkun inti.

Facebook.com/KleofaSway

E-Spark hija newsletter elettronika mahruga mic-Centru tal-Vokazzjonijiet tas-Seminarju,
tal-Virtu,Rabat . Tel: 21450354 - **www.vokazzjoni.com**